MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 219/2012

**GO plc**
**(C 22334)**

**Vs**

**C & M Contractors Limited**
**C 30803**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2012 illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tletin ewro disgha u sittin centemu (€630.69) skont rospett hawn anness u markat Dok 'A', liema ammont huwa dovut in konnesjoni mas-servizzi telefonici numri 21416023 u 21416648 numru tal-kont A/C 40048463 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata sabiex thallas, izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mit-18 ta' Frar, 2010 kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2014 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2014 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt mija u tletin ewro disgha u sittin centemu (€630.69) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mit-18 ta' Frar, 2010, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------